MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tal-11 ta' Gunju, 2012

Numru 268/2012

Il-Pulizija
(Spettur Joseph Mercieca)

vs

Christopher Sammut

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat ta' karta ta' identita' numru 538772M, akkuzat talli:

Nhar id-29 ta' Jannar, 2012, f'xi hin bejn it-8.45p.m. u l-11p.m., minn gewwa appartament nru. 406, formanti parti mill-kumpless Soreda Hotel fi Triq Andrew Cunningham (Qawra), San Pawl il-Bahar:
1. ikkommetta serq ta' safe kontenenti ghadd t'oggetti, fosthom flus u xi gojjellerija, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur, li ma jeccedix l-elfejn tlett mija u disgha

u ghoxrin Ewro u sebgha u tlettin centezmu (€2329.37), bil-lok, u bil-hin u li sar ghad-detriment tal-koppja Christopher Allsopp u Evelyn Allsopp u/jew ta' persuna/i u/jew xi entita' u/jew entitajiet ohra;

2. fl-istess appartament, volontarjament, hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara ma tiskorrix l-elf mija u erbgha u sittin Ewro u disgha u sittin centezmu (€1164.69), imma izjed minn mija u sittax il-Ewro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47), liema hsara saret ghad-detriment tas-socjeta' Islands Resorts Ltd.

Nhar l-1 t'Awwissu, 2011, ghall-habta tal-5a.m., minn gewwa kamra nru. 732, Victoria Hotel fi Triq Gorg Borg Olivier, Sliema:

3. ikkommetta serq ta' mobile phone tal-marka 'Blackberry Pearl', liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur, li ma jeccedix l-elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37), bil-lok, u bil-hin u li sar ghad-detriment ta' Peter George Wells u/jew ta' persuna/i u/jew xi entita' u/jew entitajiet ohra;

Nhar l-1 ta' Jannar, 2012, f'xi hin bejn l-10.30a.m. u l-11a.m., minn gewwa il-kumpless Bella Vista Suites fi Triq il-Qawra, San Pawl il-Bahar:

4. ikkommetta serq ta' coin phone, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur, li ma jeccedix l-elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37), u li sar ghad-detriment tas-socjeta BV Formosa Co. Ltd. u/jew ta' persuna/i u/jew xi entita' u/jew entitajiet ohra;

Nhar it-3 ta' Marzu, 2012, f'xi hin bejn is-6p.m. u s-7.10p.m., minn kamra nru. 230 gewwa il-Bella Vista Hotel fi Triq il-Qawra San Pawl il-Bahar;

5. ikkommetta serq ta' safe kontenenti ghadd t'oggetti, fosthom flus, u xi affarijiet ohra mill-istess kamra, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur, li ma jeccedix l-elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tlettin

centezmu (€2329.37), bil-lok, u bil-hin u li sar ghad-detriment tal-koppja James Shaw u Ida McCaigue u/jew ta' persuna/i u/jew xi entita' u/jew entitajiet ohra;

6. Nakkuzah ukoll talli kkommetta dawn ir-reati, li ghalihom hemm kontemplat piena ta' prigunerija, fil-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza ai termini ta' l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, datata 19 ta' Lulju, 2010, liema sentenza saret definittiva w ma tistax tinbidel;

7. sar recidiv ai termini ta' l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta b'ghadd ta' sentenzi tal-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definitivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali biex il-kawza tinstema' sommarjament, mhux opposta.

Rat l-attu u d-dokumenti kollha.

Semghet lill-imputat jirregistra ammissjoni fl-liema ammissjoni insista fuqa anka wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra.

Rat ir-rapport tal-Ufficjal tal-Probation, minnha nominat.

Ikkonsidrat:

L-akkuzi kontra l-imputat jittrattaw is-serq minn postijiet varji u fi zminijiet differenti. Abbinat ma' wahda mill-akkuzi hemm dik li fi twettiq taghha kkaguna hsara kontra terzi. Jirrizulta bhala fatt ukoll li l-imputat gia' kellu precedenti ta' serq. Pero', fir-rapport redatt mill-Ufficjal tal-Probation jinghad li l-imputat "qed jindirizza l-problema tad-droga… billi qed isegwi program ta' rijabilitazzjoni fuq bazi residenzjali gewwa l-kommunita' ta' Santa Marija". Dan il-fatt ser jittiehed in konsiderazzjoni minn din il-Qorti fis-sens li mhux ser timponi prigunerija effettiva, kif kien jimmeritah il-kaz, diment li hu jkompli fil-programm jitterminah b'success.

Ghal dawn il-motivi wara li rat l-Artikolu 261(b)(c)(e)(f), 263, 264, 265, 267, 269(g), 270, 278(3), 279(a), 280(i)(ii), 289, 325(1)(b), 18 u 17(h) tal-Kap 9 tiddeciedi li tapplika kontra l-imputat l-Artikolu 7 tal-Kap 446 billi tqeghdu taht il-harsien ta' ufficjal tal-Probation ghall-perjodu ta' tlett snin mill-lum bil-kundizzjoni specifika li jtemm il-programm rijabilattiv b'success u jissottometti ruhhu ghall-ezami perjodiku tal-urina jew id-demm kif jigi lilu ordnat mill-Ufficjal tal-Probation.

In kwantu l-akkuza tal-ksur tas-sentenza sospiza rat l-Artikolu 28B u tordna li ma tigix immedjatament fis-sehh b'dan li tbiddel il-perjodu operattiv tas-sentenza sospiza u tordna li l-istess jibda jiddekorri mill-lum.

Il-Qorti spjegat lill-imputat ir-responsabbilitajiet tieghu skond is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------